DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1093

tas-26 ta' Ġunju 2019

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni pagament parzjali għall-2019 u limitu massimu rivedut għall-ammont annwali għall-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2018/1877 ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ"), il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2019 li tispeċifika l-ammont tat-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2019 ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2019, f'każijiet fejn dak l-ammont annwali jvarja mill-bżonnijiet reali.

(2) Fl-24 ta' April 2019, f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jiġġestixxi.

(3) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jistipula li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati fil-FEŻ preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi taħt l-10 FEŻ għall-BEI u taħt il-11-il FEŻ għall-Kummissjoni.

(4) Fit-12 ta' Novembru 2018 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2018/1715 ([3]), li tiffissa l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ tal-Istati Membri għall-2019 għal EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.

(5) Billi l-Kummissjoni ressqet il-proposta li l-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali għall-perjodu 2021-2027 isiru b'modalitajiet ġodda ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni qed tnaqqas l-estimi tal-pagamenti tagħha taħt il-FEŻ u għaldaqstant tnaqqas b'EUR 200 000 000 il-limitu massimu għall-ammont annwali għall-2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill- (BEI) bħala t-tieni pagament parzjali għall-2019 huma stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1715 tat-12 ta' Novembru 2018 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2020, l-ammont annwali għall-2019, l-ewwel ħlas parzjali għall-2019 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 286, 14.11.2018, p. 30).

Artikolu 2

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ tal-Istati Membri għall-2020 huwa b'dan rivedut għal EUR 4 700 000 000. Dan għandu jinqasam f'ammont ta' EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni u ta' EUR 300 000 000 għall-BEI.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G.L. GAVRILESCU

ANNESS

L-ISTATI MEMBRI	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-10 FEŻ f'%	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-11-il FEŻ f'%	It-tieni ħlas parzjali 2019 (f'EUR)		Total
			Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ	BEI l-10 FEŻ	
IL-BELĠJU	3,53	3,24927	48 739 050,00	3 530 000,00	52 269 050,00
IL-BULGARIJA	0,14	0,21853	3 277 950,00	140 000,00	3 417 950,00
IĊ-ĊEKJA	0,51	0,79745	11 961 750,00	510 000,00	12 471 750,00
ID-DANIMARKA	2,00	1,98045	29 706 750,00	2 000 000,00	31 706 750,00
IL-ĠERMANJA	20,50	20,57980	308 697 000,00	20 500 000,00	329 197 000,00
L-ESTONJA	0,05	0,08635	1 295 250,00	50 000,00	1 345 250,00
L-IRLANDA	0,91	0,94006	14 100 900,00	910 000,00	15 010 900,00
IL-GREĊJA	1,47	1,50735	22 610 250,00	1 470 000,00	24 080 250,00
SPANJA	7,85	7,93248	118 987 200,00	7 850 000,00	126 837 200,00
FRANZA	19,55	17,81269	267 190 350,00	19 550 000,00	286 740 350,00
IL-KROAZJA	0,00	0,22518	3 377 700,00	0,00	3 377 700,00
L-ITALJA	12,86	12,53009	187 951 350,00	12 860 000,00	200 811 350,00
ĊIPRU	0,09	0,11162	1 674 300,00	90 000,00	1 764 300,00
IL-LATVJA	0,07	0,11612	1 741 800,00	70 000,00	1 811 800,00
IL-LITWANJA	0,12	0,18077	2 711 550,00	120 000,00	2 831 550,00
IL-LUSSEMBURGU	0,27	0,25509	3 826 350,00	270 000,00	4 096 350,00
L-UNGERIJA	0,55	0,61456	9 218 400,00	550 000,00	9 768 400,00
MALTA	0,03	0,03801	570 150,00	30 000,00	600 150,00
IN-NETHERLANDS	4,85	4,77678	71 651 700,00	4 850 000,00	76 501 700,00
L-AWSTRIJA	2,41	2,39757	35 963 550,00	2 410 000,00	38 373 550,00
IL-POLONJA	1,30	2,00734	30 110 100,00	1 300 000,00	31 410 100,00
IL-PORTUGALL	1,15	1,19679	17 951 850,00	1 150 000,00	19 101 850,00
IR-RUMANIJA	0,37	0,71815	10 772 250,00	370 000,00	11 142 250,00
IS-SLOVENJA	0,18	0,22452	3 367 800,00	180 000,00	3 547 800,00
IS-SLOVAKKJA	0,21	0,37616	5 642 400,00	210 000,00	5 852 400,00
IL-FINLANDJA	1,47	1,50909	22 636 350,00	1 470 000,00	24 106 350,00
L-IŻVEZJA	2,74	2,93911	44 086 650,00	2 740 000,00	46 826 650,00
IR-RENJU UNIT	14,82	14,67862	220 179 300,00	14 820 000,00	234 999 300,00
TOTAL TAL-EU-28	100,00	100,00	1 500 000 000,00	100 000 000,00	1 600 000 000,00